**341. Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, l-Onor. Lorry Sant, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tat-30 ta' Ġunju, 1981, il-Kamra qatgħet li jitwaqqaf Kumitat tal-Kamra biex jistħarreġ akkużi speċifiċi li jsiru bil-miktub mill-Onor. Carmelino Spiteri lill-President tal-Kamra fi żmien tlett ijiem, jiġifieri sat-3 ta' Lulju,1981;

U billi fit-3 ta' Lulju, 1981, l-Onor. Spiteri bagħat lill-President tal-Kamra lista ta' allegazzjonijiet;

U billi l-biċċa l-kbira ta' dawk l-allegazzjonijiet ma jistgħu b'ebda mod juru xi irregolarità, wisq anqas korruzzjoni, iżda jistgħu biss ifissru kritika ta' "policy" tal-Gvern;

U billi fil-lista tal-Onorevoli. Spiteri hemm allegazzjonijiet fejn, jekk il-fatti allegati huma veri, dawn għandhom iwasslu mhux għal eżami tagħhom fil-Kumitat tal-Kamra, iżda għal passi kriminali, u għalhekk l-Onorevoli Spiteri huwa fid-dmir li jagħti l-provi li għandu lill-Pulizija;

U billi fil-ftit każi l-oħra, għalkemm l-Onorevoli Spiteri ma għamel ebda akkuża ta' korruzzjoni, huwa għamel allegazzjonijiet li jistgħu jqajmu xi suspett dwar permessi għall-bini billi huwa allegat li ħarġu ftit wara li l-art kienet inxtrat, u għalhekk huwa fl-interess tal-verità, għalhekk tal-istess Gvern, li dawn l-allegazzjonijiet jiġu eżaminati minn Kumitat tal-Kamra;

Għalhekk il-Kamra tirriżolvi li jinħatar Kumitat tal-Kamra li jkun magħmul minn ħames Deputati magħżula mill-Kamra – tnejn minnhom min-naħa tal-Oppożizzjoni u tlieta minn-naħa tal-Gvern (wieħed minn dawn tal-aħħar ikun iċ-Chairman ) sabiex:

1. Jistħarreġ l-allegazzjonijiet li jinsabu mniżżla fil-lista' tal-Onorevoli Spiteri fuq imsemmija taħt l-ittri A, J, K, L, T, Z2 u Z3;

2. Fil-każ li xi fatti allegati jirriżultaw veri, jekk dawn jammontawx għall-korruzzjoni; u

3. Biex jirrapporta lill-Kamra dwar hekk, fi żmien għaxart ijiem mill-lum.

Il-Kumitat ikollu s-setgħa li jisma' xhieda u jiġbor provi oħra u jitlob karti u dokumenti li għandhom x'jaqsmumal-każi li għandu jistħarreġ.

09.07.1981

**L-Onor. Carm Lino Spiteri ressaq din l-emenda:**

Ħassar il-kliem kollu wara t-tieni paragrafu u daħħal flokhom dan li ġej :

> "Din il-Kamra tirriżolvi li twaqqaf Kumitat tagħha stess li jkun magħmul minn ħames Deputati, tnejn minnhom min-naħa tal-Oppożizzjoni u tlieta min-naħa tal-Gvern (wieħed minn dawn tal-aħħar ikun iċ-Chairman) sabiex jirrapporta lill-Kamra dwar jekk kienx hemm irregolaritajiet fil-ħruġ ta' permessi għall-bini fil-każijiet kollha indikati lill-President tal-Kamra fl-ittra tal-Onor. Carmelino Spiteri tat-3 ta' Lulju, 1981, u f'każ affermattiv ta' min kienet ir-responsabilità għal dan u jirrakkommanda x'miżuri għandhom jittieħdu biex jiġu evitati abbużi.
>
> Il-Kumitat ikollu s-setgħa li jisma' xhieda bil-ġurament u jiġbor provi oħra u jeżamina files li jista' jkollhom rilevanza għal dan l-istħarriġ."

*L-emenda ma għaddietx fis-Seduta Nru. 523 tat-13 ta' Lulju, 1981*

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con fis-Seduta Nru. 523 tat-13 ta' Lulju, 1981*